SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (L-Ewwel Awla)

28 ta' Frar 2013*

"Nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu — Trasport — Żvilupp ta' linji tal-ferrovija Komunitarji — Direttiva 91/440/KEE — Artikolu 6(3) u Anness II — Direttiva 2001/14/KE — Artikoli 4(2) u 14(2) — Amministratur tal-infrastruttura — Indipendenza organizzattiva u deċiżjonali — Struttura ta' kumpannija holding — Traspożizzjoni inkompleta"

Fil-Kawża C-555/10,

li għandha bħala suġġett rikors għal nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu skont l-Artikolu 258 TFEU, ippreżentat fis-26 ta' Novembru 2010,

Il-Kummissjoni Ewropea, irrappreżentata minn H. Støvlbæk, B. Simon, G. Braun u R. Vidal Puig, bħala aġenti, b'indirizz għan-notifika fil-Lussemburgu,

rikorrenti,

vs

Ir-Repubblika tal-Awstrija, irrappreżentata minn C. Pesendorfer u U. Zechner, bħala aġenti, b'indirizz għan-notifika fil-Lussemburgu,

konvenuta,

sostnuta minn:

Ir-Repubblika Taljana, irrappreżentata minn G. Palmieri, bħala aġent, assistita minn S. Fiorentino, avvocato dello Stato, b'indirizz għan-notifika fil-Lussemburgu,

intervenjenti,

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (L-Ewwel Awla),

komposta minn A. Tizzano, President ta' Awla, A. Borg Barthet (Relatur), E. Levits, J.-J. Kasel u M. Berger, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: N. Jääskinen,

Reġistratur: C. Strömholm, Amministratur,

wara li rat il-proċedura bil-miktub u wara s-seduta tat-23 ta' Mejju 2012,

wara li semgħet il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali, ippreżentati fis-seduta tas-6 ta' Settembru 2012,

* Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż.

tagħti l-preżenti

Sentenza

1 Permezz tar-rikors tagħha, il-Kummissjoni Ewropea titlob lill-Qorti tal-Ġustizzja tikkonstata li, billi ma adottatx il-miżuri neċessarji sabiex tiżgura li l-entità li lilha huwa fdat l-eżerċizzju ta' funzjonijiet essenzjali elenkati fl-Anness II tad Direttiva tal-Kunsill 91/440/KEE, tad-29 ta' Lulju 1991, dwar l-iżvilupp tal-ferroviji tal-Komunità (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 7, Vol. 1, p. 341, iktar 'il quddiem id-"Direttiva 91/440"), tkun indipendenti mill-impriża li tipprovdi s-servizzi ta' trasport ferrovjarju, ir-Repubblika tal-Awstrija naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt l-Artikolu 6(3) u l-Anness II ta' din id-direttiva kif ukoll taħt l-Artikoli 4(2) u 14(2) tad-Direttiva 2001/14/KE Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-26 ta' Frar 2001, dwar l-allokazzjoni ta' kapaċità ta' infrastruttura tal-ferroviji u t-tqegħid ta' piżijiet għall-użu ta' infrastruttura tal-ferroviji u ċertifikazzjoni tas-sigurtà (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 7, Vol. 5, p. 404), kif emendata bid-Direttiva 2007/58/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2007 (ĠU L 315, p. 44, iktar 'il quddiem id-"Direttiva 2001/14").

Il-kuntest ġuridiku

Id-dritt tal-Unjoni

Id-Direttiva 91/440

2 Ir-raba' premessa 4 tad-Direttiva 91/440 tipprovdi:

"billi l-iżvilupp fil-ġejjieni u t-tħaddim effiċjenti tas-sistema tal-ferrovija tista' teħfief jekk issir kull distinzjoni bejn il-ħolqien tas-servizzi tat-trasport u t-tħaddim ta' l-infrastruttura; billi minħabba din is-sitwazzjoni, jeħtieġ li dawn iż-żewġ attivitajiet ikunu mmexxija b'mod separat u jkollhom żewġ kontijiet separati."

3 L-Artikolu 6(1) sa (3) tad-Direttiva 91/440 jipprovdi:

"1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri biex jassiguraw li accounts ta' profitt u telf u paġni tal-bilanċ jinżammu u jkunu ppubblikati, minn naħa għall-kummerż relatat mal-provediment ta' servizzi ta' trasport minn impriżi ferrovjarji u, minn naħa l-oħra, għall-kummerċ relatat ma' l-immaniġġjar ta' l-infrastruttura ferrovjarja. Fondi pubbliċi mħallsa lil waħda minn dawn iż-żewġ oqsma ta' attività ma jistgħux jiġu trasferiti lill-oħra.

Ir-rendikonti għaż-żewġ oqsma ta' attività jridu jinżammu b'tali mod li jirriflettu din il-projbizzjoni.

2. L-Istati Membri jistgħu wkoll jagħtu lok li din il-firda titlob ukoll l-organizzazzjoni ta' firdiet distinti bejn kull impriża jew li l-infrastruttura tkun immexxija minn kull entità separata.

3. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa sabiex jagħmlu ċert li l-funzjonijiet li jiddeterminaw aċċess ekwu u mhux diskriminatorju għall-infrastruttura, elenkati fl-Anness II, jkunu fdati lill-korpi jew lid-ditti li ma jipprovdux huma stess xi servizzi ta' trasport ferrovjarju. Irrispettivament mill-istrutturi organizzattivi, irid jinwera li dan l-oġġettiv jkun inkiseb.

L-Istati Membri jistgħu, madanakollu, jassennjaw lill-impriżi ferrovjarji jew lil kwalunkwe korp ieħor il-ġbir tal-ħlasijiet [ta' tariffi] u r-responsabbiltà ta' l-amministrazzjoni ta' l-infrastruttura ferrovjarja, bħall-investiment, il-manutenzjoni u l-iffinanzjar."

4 L-Anness II tal-imsemmija direttiva jelenka l-funzjonijiet essenzjali msemmija fl-Artikolu 6(3):

"— preparazzjoni u teħid tad-deċiżjonjiet relatati ma' l-illiċenzjar ta' impriżi ferrovjarji inklużi l-għoti ta' liċenzi individwali,

— it-teħid ta' deċiżjonijiet relatati ma' l-allokazzjoni ta' passaġġi [mogħdijiet] inklużi kemm id-definizzjoni kif ukoll l-evalwazzjoni tad-disponibbiltà u l-allokazzjoni ta' passaġġi [mogħdijiet] tal-ferrovija individwali,

— it-teħid ta' deċiżjonijiet marbuta ma' l-iċċarġjar [impożizzjoni ta' tariffi] ta' l-infrastruttura,

— l-osservanza tas-sorveljanza ta' l-obbligi tas-servizz pubbliku meħtieġa fil-provvista ta'ċerti servizzi".

Id-Direttiva 2001/14

5 Il-premessi 11 u 16 tad-Direttiva 2001/14 jipprovdu:

"(11) Il-piżijiet [L-impożizzjoni ta' tariffi] u skemi ta' allokazzjoni ta' kapaċità għandhom jippermettu aċċess ugwali u non-diskriminatorju għall-impriżi kollha u jippruvaw sa fejn possibbli jissodisfaw il-bżonnijiet ta' l-utenti kollha u t-tipi ta' traffiku b'mod ġust u non-diskriminatorju.

[…]

(16) Piżijiet [Sistemi ta' impożizzjoni ta' tariffi] u skemi ta' allokazzjoni tal-kapaċità għandhom jippermettu kompetizzjoni ġusta fid-disposizzjoni ta' servizzi tal-ferroviji."

6 L-Artikolu 4(2) ta' din id-direttiva jipprovdi:

"Meta l-amministratur ta' l-infrastruttura, fil-forma legali, l-organizzazzjoni jew fil-funzjonijiet ta' teħid tad-deċiżjonijiet tiegħu, mhuwiex indipendenti minn kull impriża tal-ferroviji, il-funzjonijiet, deskritti f' dan il-Kapitolu, ta' xorť oħra mill-ġbir tal-piżijiet għandhom jitwettqu minn korp tal-piżijiet [tal-impożizzjoni ta' tariffi] li hu indipendenti fil-forma legali, fl-organizzazzjoni u fit-teħid-tad-deċiżjonijiet tiegħu minn kull impriża tal-ferroviji."

7 Skont l-Artikolu 14(1) u (2) tal-imsemmija direttiva:

"1. L-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu qafas għall-allokazzjoni ta' kapaċità infrastrutturali filwaqt li jirrispettaw l-indipendenza amministrattiva stabbilita fl-Artikolu 4 tad-Direttiva 91/440/KEE. Regoli speċifiċi ta' allokazzjoni ta' kapaċità għandhom jiġu stabbiliti. L-amministratur infrastrutturali għandu jwettaq il-proċessi ta' l-allokazzjoni tal-kapaċità. Partikolarment, l-amministratur ta' l-infrastruttura għandu jassigura li l-kapaċità infrastrutturali tiġi allokata fuq bażi ġusta u non-diskriminatorja u skond il-liġi Komunitarja.

2. Meta l-amministratur ta' l-infrastruttura, fil-forma legali, l-organizzazzjoni jew fil-funzjonijiet tiegħu ta' teħid tad-deċiżjonijiet, mhuwiex indipendenti minn kull impriża tal-ferroviji, il-funzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1 u deskritti f' dan il-Kapitolu għandhom jitwettqu minn korp ta' allokazzjoni li hu huwa indipendenti fil-forma legali, l-organizzazzjoni u t-teħid tad-deċiżjonijiet tiegħu minn kull impriża tal-ferroviji."

Id-dritt Awstrijak

8 It-tieni parti tal-Liġi dwar il-linji tal-ferrovija federali (Bundesbahngesetz, BGBl. 825/1992), kif emendata (BGBl. I, 95/2009), li tinkludi l-Artikoli 2 sa 4, hija intitolata "ÖBB-Holding [...]".

9 L-Artikolu 2(1) ta' din il-liġi, bit-titolu "Kostituzzjoni u ħolqien" jipprovdi:

"1. Il-Ministru Federali tat-Trasport, tal-Innovazzjoni u tat-Teknoloġija għandu jikkostitwixxi u joħloq kumpannija b'kapital azzjonarju fil-forma li jkollha kapital azzjonarju ta' EUR 1.9 biljun, imsejħa 'Österreichische Bundesbahnen-Holding Aktiengesellschaft'(iktar 'il quddiem 'ÖBB-Holding AG'), li jkollha s-sede tagħha fi Vjenna u li l-ishma tagħha huma rriżervati esklużivament għall-Istat Federali. Il-ħolqien tal-kumpannija ma huwiex is-suġġett ta' eżami."

10 Skont l-Artikolu 3 tal-imsemmija liġi, bit-titolu "Ġestjoni ta' ishma":

"Il-ġestjoni tal-ishma hija żgurata f'isem l-Istat Federali mill-Ministru Federali tat-Trasport, tal-Innovazzjoni u tat-Teknoloġija."

11 L-Artikolu 4 ta' din l-istess liġi jipprovdi:

"1. L-għan korporattiv ta' ÖBB-Holding AG huwa l-eżerċizzju tad-drittijiet ta' proprjetà tagħha fil-kumpanniji li fihom hija għandha sehem dirett jew indirett, bil-għan li tiġi ffissata gwida strateġika.

2. Il-kompiti prinċipali tal-kumpannija huma:

1) li tiżgura l-koordinazzjoni ġenerali tat-tfassil u tal-implimentazzjoni tal-istrateġiji tal-kumpanniji;

2) li tiggarantixxi t-trasparenza tal-fondi pubbliċi stabbiliti.

3. ÖBB-Holding AG tista' barra minn hekk tadotta l-miżuri kollha meħtieġa jew xierqa fir-rigward tal-għan korporattiv li ġie assenjat lilha u tal-kompiti prinċipali tagħha. Dawn jistgħu jikkonsistu b'mod partikolari, fil-qasam tar-riżorsi umani, f'miżuri strateġiċi relatati mal-kumpens għall-persunal bejn il-kumpanniji."

12 It-tielet parti tal-Liġi dwar il-linji tal-ferrovija federali hija intitolata "Ristrutturar tal-kumpanniji tal-linji tal-ferrovija federali Awstrijaki".

13 L-Artikolu 25 ta' din il-liġi jipprovdi:

"Għall-finijiet tal-implimentazzjoni tar-ristrutturar tal-kumpannija tal-linji tal-ferrovija federali Awstrijaki, ÖBB-Holding AG hija obbligata li tikkostitwixxi u li toħloq, sa mhux iktar tard mill-31 ta' Mejju 2004, kumpannija b'kapital azzjonarju b'kapital azzjonarju ta' EUR 70 000, bl-isem 'ÖBB-Infrastruktur Betrieb Aktiengesellschaft'(iktar 'il quddiem 'ÖBB-Infrastruktur Betrieb AG') u li jkollha s-sede tagħha fi Vjenna."

14 Skont l-Artikolu 62 tal-Liġi dwar il-linji tal-ferroviji (Eisenbahngesetz, BGB1. 60/1957) kif emendata (BGB1. I, 95/2009), bit-titolu "Korp ta' allokazzjoni":

"1. Il-korp ta' allokazzjoni huwa l-impriża tal-infrastruttura ferrovjarja.

2. Impriża ta' infrastuttura ferrovjarja indipendenti fil-konfront tal-impriżi ferrovjarji mill-aspett ġuridiku, organizzativ u deċizjonali tista' wkoll madankollu tiddelega, totalment jew parzjalment, permezz ta' kuntratt bil-miktub, il-kompiti relatati mal-korp ta' allokazzjoni lil Schieneninfrastruktur-Dienstleistungsgesellschaft mbH, lil impriża kompetenti oħra jew lil awtorità kompetenti oħra.

3. Il-missjonijiet marbuta mal-funzjoni tal-korp ta' allokazzjoni ma jistgħux jitwettqu minn impriża ta' infrastruttura ferrovjarja fuq livell ġuridiku, organizzattiv u deċiżjonali. Tali impriża ta' infrastruttura ferrovjarja b'hekk għandha tassenja, b'kuntratt bil-miktub, il-missjonijiet kollha marbuta mal-funzjoni ta' korp ta' allokazzjoni jew lis-Schieneninfrastruktur-Dienstleistungsgesellschaft mbH, jew inkella lil impriża jew entità oħra kompetenti – u unikament, għal dawn it-tnejn tal-aħħar, jekk ikunu indipendenti fil-konfront ta' impriżi ferrovjarji fuq il-livell ġuridiku, organizzattiv u deċiżjonali –, li b'hekk huma obbligati li jassumu, taħt ir-responsabbiltà tagħhom stess u minflok din l-impriża, dawn il-missjonijiet li jappartjenu lil korp ta' allokazzjoni; il-kuntratt ma jista' jkun fih ebda regola li tmur kontra jew ixxekkel l-eżerċizzju konformi mal-liġi tal-missjonijiet marbuta mal-funzjoni tal-korp ta' allokazzjoni.

4. L-impriżi tal-infrastruttura ferrovjarja għandhom jikkomunikaw lil Schienen-Control GmbH l-isem tal-impriża li lilha jkunu fdaw b'kuntratt il-missjonijet kollha, jew parti minnhom, marbuta mal-funzjoni tal-korp ta' allokazzjoni."

15 L-Artikolu 74 tal-imsemmija liġi, bit-titolu "Kontroll tal-kompetizzjoni" jipprovdi:

"1. Il-kumitat regolatorju ferrovjarju għandu *ex ufficio*:

1) jimponi aġir nondiskriminatorju jew jipprojbixxi aġir diskriminatorju lil korp ta' allokazzjoni f'dak li jirrigwarda l-aċċess għall-infrastruttura ferrovjarja, inklużi l-kundizzjonijiet kollha relatati f'termini ta' proċeduri amministrattivi, tekniċi u finanzjarji bħal, pereżempju, id-drittijiet ta' użu, kif ukoll fir-rigward tal-provvista ta' servizzi oħrajn, inklużi l-kundizzjonijiet kollha relatati f'termini ta' proċeduri amministrattivi, tekniċi u finanzjarji bħal, pereżempju, ir-rimbors xieraq tal-ispejjeż u l-impożizzjoni ta' tariffi ipprattikata fis-settur, jew

2) jimponi aġir nondiskriminatorju jew jipprojbixxi aġir diskriminatorju lil impriża tat-trasport ferrovjarju f'dak li jirrigwarda l-forniment ta' servizzi u s-servizz supplimentari ta' selezzjoni, inklużi l-kundizzjonijiet kollha relatati f'termini ta' proċeduri amministrattivi, tekniċi u finanzjarji bħal, pereżempju, ir-rimbors xieraq tal-ispejjeż u l-impożizzjoni ta' tariffi ipprattikata fis-settur, jew

3) jiddikjara nulli, totalment jew parzjalment, il-kundizzjonijiet għall-użu tan-netwerk ferrovjarju li jkunu diskriminatorji, kundizzjonijiet ġenerali ta' bejgħ diskriminatorji, kuntratti diskriminatorji jew dokumenti diskriminatorji.

2. Dawn id-dispożizzjonijiet huma mingħajr preġudizzju għall-kompetenzi tal-qorti tal-kompetizzjoni."

16 L-Artikolu 70 tal-Liġi dwar il-kumpanniji b'responsabbiltà limitata (Aktiengesetz, BGBl. 98/1965), bit-titolu "Ġestjoni tal-kumpannija b'responsabbiltà limitata", jipprovdi:

"1. Il-Bord tad-Diretturi għandu jmexxi l-kumpannija taħt ir-responsabbiltà tiegħu, kif jeħtieġ l-interess tal-impriża waqt li jitqiesu l-interessi tal-azzjonisti u tal-ħaddiema kif ukoll l-interess pubbliku.

2. Il-Bord tad-Diretturi jista' jkun ikkostitwita minn persuna waħda jew iktar. Jekk membru tal-Bord tad-Diretturi maħtur għall-kariga ta' president, il-vot tiegħu jkun deċiżiv f'każ ta' parità fil-voti, salv dispożizzjoni kuntrarja fl-istatut."

17 L-Artikolu 75 tal-Liġi dwar il-kumpanniji b'responsabbiltà limitata, bit-titolu "Ħatra u revoka tal-Bord tad-Diretturi", jipprovdi li:

"1. Il-membri tal-Bord tad-Diretturi huma maħtura mill-kunsill ta' sorveljanza għal terminu ta' mhux iktar minn ħames snin. F'każ ta' ħatra ta' membru għal terminu fiss li jkun itwal, għal terminu indefinit jew mingħajr indikazzjoni ta' terminu, il-mandat tiegħu jkun għal terminu ta' ħames snin. Dan jista' jiġġedded; dan it-tiġdid għandu madankollu jiġi kkonfermat bil-miktub mill-president tal-kunsill ta' sorveljanza. Dawn id-dispożizzjonijiet japplikaw *mutatis mutandis* għall-kuntratt ta' impjieg.

2. Persuna ġuridika jew soċjetà ta' persuni (soċjetà *en nom collectif*, soċjetà *en commandite*) ma tistax tinħatar membru tal-Bord tad-Diretturi.

3. Jekk diversi persuni jinħatru bħala membri tal-Bord tad-Diretturi, il-kunsill ta' sorveljanza jista' jaħtar lil waħda minnhom fil-kariga ta' president tal-Bord tad-Diretturi.

4. Il-kunsill ta' sorveljanza jista' jirrevoka l-ħatra ta' membru tal-Bord tad-Diretturi u l-ħatra għall-kariga ta' president għal raġunijiet serji. Dan jista' jikkonsisti b'mod partikolari f'nuqqas serju, l-inkapaċità li tiġi żgurata ġestjoni tajba jew sfiduċja mil-laqgħa ġenerali tal-azzjonisti, ħlief jekk il-fiduċja ma tkunx ġiet irtirata għal raġunijiet manifestament suġġettivi. Din id-dispożizzjoni tapplika wkoll għall-Bord tad-Diretturi maħtur mill-ewwel kunsill ta' sorveljanza. Ir-revoka tibqa' effettiva għal daqstant żmien sakemm l-ineffikaċja tagħha ma tkunx is-suġġett ta' deċiżjoni li jkollha s-saħħa ta' *res judicata,* mingħajr preġudizzju għad-drittijiet maħluqa mill-kuntratt ta' impjieg."

18 L-Artikolu 3(4) tal-Istatuti ta' ÖBB-Infrastruktur AG, fil-verżjoni tagħhom tat-30 ta' Ġunju 2010, jipprovdi li:

"Il-kisba ta' dan l-għan korporattiv huwa wkoll fl-interess komuni tal-kumpanniji li fihom Österreichische Bundesbahnen-Holding Aktiengesellschaft ikollha, direttament jew indirettament, sehem maġġoritarju, u għandha tosserva l-għanijiet strateġiċi ġenerali, kemm-il darba dan ma jmurx kontra l-indipendenza ġuridika, organizzattiva u deċiżjonali, prevista mid-dritt Komunitarju u mil-Liġi dwar il-linji tal-ferrovija dwar il-linji tal-ferrovija, ta' ÖBB-Infrastruktur Aktiengesellschaft fil-konfront tal-impriżi tat-trasport ferrovjarju (b'mod partikolari f'dak li jirrigwarda l-allokazzjoni tal-mogħdijiet tal-ferrovija, l-impożizzjoni ta' tariffi għall-użu tal-mogħdijiet tal-ferrovija, iċ-ċertifikazzjoni fil-qasam tas-siguratà u l-istabbiliment ta' regoli ta' funzjonament)."

Il-proċedura prekontenzjuża u l-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja

19 F'Mejju 2007, il-Kummissjoni bagħtet kwestjonarju lill-awtoritajiet Awstrijaki sabiex tivverifika t-traspożizzjoni mir-Repubblika tal-Awstrija tad-Direttivi 2001/12, 2001/13/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-26 ta' Frar 2001, li jemendaw id-Direttiva tal-Kunsill 95/18/KE dwar il-liċenzjar ta' impriżi ferrovjarji (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 7, Vol. 2, p. 258), u 2001/14 (iktar 'il quddiem, flimkien, l-"ewwel pakkett ferrovjarju"). L-imsemmi Stat Membru rrisponda b'ittra tat-2 ta' Awwissu 2007.

20 B'ittra tas-27 ta' Ġunju 2008, il-Kummissjoni intimat lir-Repubblika tal-Awstrija biex tikkonforma mad-Direttivi 91/440, 95/18 u 2001/14.

21 B'ittra tat-30 ta' Settembru 2008, ir-Repubblika tal-Awstrija rrispondiet għal dik l-ittra ta' intimazzjoni.

22 Fid-19 ta' Marzu 2009, ir-rappreżentanti tal-Kummissjoni u tal-gvern Awstrijak iltaqgħu fi Brussell sabiex jeżaminaw il-kompatibbiltà tal-leġiżlazzjoni u tas-sistemi ferrovjarji Awstrijaċi mad-direttivi tal-ewwel pakkett ferrovjarju. Wara din il-laqgħa, id-Direttorat Ġenerali "Enerġija u trasport" tal-Kummissjoni bagħat lir-Repubblika tal-Awstrija, fid-9 ta' Ġunju 2009, ittra, li din tal-aħħar irrispondietha permezz ta' ittra fis-16 ta' Lulju 2009.

23 B'ittra tat-8 ta' Ottubru 2009, il-Kummissjoni indirizzat opinjoni motivata lir-Repubblika tal-Awstrija fejn hija kkonstatat li dan l-Istat ma kienx issodisfa l-obbligi tiegħu taħt l-Artikolu 6(3) u l-Anness II tad-Direttiva 91/440 kif ukoll taħt l-Artikoli 4(2) u 14(2) tad-Direttiva 2001/14. Il-Kummissjoni talbitha biex tieħu l-miżuri meħtieġa sabiex tikkonforma ma' din l-opinjoni motivata fi żmien xahrejn mid-data tan-notifika.

24 B'ittra tad-9 ta' Diċembru 2009, ir-Repubblika tal-Awstrija rrispondiet għall-opinjoni motivata u kkontestat l-allegat nuqqas ta' twettiq ta' obbligu mill-Kummissjoni.

25 Peress li ma kinitx sodisfatta bir-risposta tar-Repubblika tal-Awstrija, il-Kummissjoni ddeċidiet li tippreżenta dan ir-rikors.

26 B'digriet tal-President tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-26 ta' Mejju 2011, ir-Repubblika Taljana ġiet ammessa sabiex tintervjeni insostenn tat-talbiet tar-Repubblika tal-Awstrija.

Fuq ir-rikors

L-argumenti tal-partijiet

27 Il-Kummissjoni ssostni li l-entità li lilha ġie fdat l-eżerċizzju tal-funzjonijiet essenzjali elenkati fl-Anness II tad-Direttiva 91/440 għandha tkun indipendenti ekonomikament — u mhux biss ġuridikament — mill-impriża li tipprovdi servizzi ta' trasport ferrovjarju.

28 F'dan ir-rigward, hija ssostni li, għalkemm l-Artikolu 6(3) tad-Direttiva 91/440 ma jeħtiġx espliċitament li l-entità li lilha jiġi fdat l-eżerċizzju tal-funzjonijiet essenzjali tkun "indipendenti" mill-kumpanniji li jipprovdu s-servizzi ta' traspost ferrovjarju, it-terminu "impriża" użat f'din id-dispożizzjoni għandu madankollu jiġi interpretat, skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, bħala li jkopri l-entitajiet kollha li, għalkemm ma jkunux ġuridikament separati, jaġixxu bħala "unità ekonomika".

29 Skont il-Kummissjoni, l-Artikolu 6(3) tad-Direttiva 91/440 għandu jiġi interpretat fis-sens li l-funzjonijiet essenzjali elenkati fl-Anness II ta' din id-direttiva għandhom jiġu żgurati minn entità distinta mill-impriżi ferrovjarji mhux biss mill-aspett ġuridiku, iżda wkoll indipendenti minnhom fuq livell organizzattiv u deċiżjonali.

30 Il-Kummissjoni ssostni sussegwentement li, meta l-imsemmija funzjonijiet jiġu eżerċitati minn kumpannija li tiddependi fuq kumpannija holding ferrovjarja, bħal ma huwa l-każ ta' ÖBB Infrastruktur AG, ikollu jiġi evalwat sa liema grad u taħt liema kundizzjonijiet din il-kumpannija, li tkun barra minn hekk l-amministratur tal-infrastruttura ferrovjarja inkarigat biex jeżerċita dawn il-funzjonijiet essenzjali, tista' titqies bħala "indipendenti" mill-impriża li tipprovdi s-servizzi tat-trasport ferrovjarju, jiġifieri l-kumpannija holding u l-kumpanniji li jiddependu minn din tal-aħħar li jipprovdu s-servizzi ta' trasport ta' persuni u merkanzija, minkejja l-appartenenza tagħhom għall-istess grupp.

31 Ir-Repubblika tal-Awstrija ma pprovditx mekkaniżmi effikaċi biex tiggarantixxi l-indipendenza organizzattiva u deċiżjonali tal-amministratur tal-infrastruttura ÖBB-Infrastruktur AG. Minn dan il-Kummissjoni ddeduċiet li l-imsemmi Stat Membru b'hekk naqas milli jwettaq l-obbligi tiegħu taħt l-Artikolu 6(3) u l-Anness II tad-Direttiva 91/440, kif ukoll taħt l-Artikoli 4(2) u 14(2) tad-Direttiva 2001/14.

32 Sabiex teżamina jekk l-Istati Membri humiex f'pożizzjoni li jipprovaw li l-kumpanniji holdings ferrovjarji nazzjonali tagħhom jew korpi oħrajn ta' kontroll jiggarantixxux l-indipendenza neċessarja tal-funzjonijiet essenzjali elenkati fl-Anness II tad-Direttiva 91/440, li l-kumpannija parent u s-sussidjarja ma jistgħux jikkostitwixxu entità ekonomika u ma jistgħux jagixxu bħala impriża unika, u li l-kunflitti ta' interessi huma evitati, il-Kummissjoni introduċiet mis-sena 2006 il-kriterji li abbażi tagħhom hija teżamina l-indipendenza meħtieġa mid-Direttiva 2001/14 u l-miżuri previsti sabiex tiġi ggarantita din l-indipendenza. Dan kien jirrigwarda kriterji msemmija fl-Anness 5 tad-Dokument ta' Ħidma tas-servizz tal-Kummissjoni li jakkumpanja r-rapport tat-3 ta' Mejju 2006 fuq l-implementazzjoni tal-ewwel pakkett ferrovjarju [COM(2006) 189] (iktar 'il quddiem l-"Anness 5").

33 F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni ssostni, fl-ewwel lok, li l-osservanza tal-obbligi ta' indipendenza għandha tkun suġġetta għal kontroll min-naħa ta' awtorità indipendenti, bħall-awtorità regolatorja għall-ferroviji, jew minn terz. Il-kompetituri kellu jkollhom il-possibbiltà li jilmentaw fil-każ ta' nuqqas ta' osservanza tar-rekwiżit ta' indipendenza. Il-Kummissjoni hija tal-fehma li ebda waħda minn dawn iż-żewġ dispożizzjonijiet ma ġiet osservata mill-Awstrija.

34 Fit-tieni lok, il-Kummissjoni hija tal-fehma li għandu jkun hemm dispożizzjonijiet legali jew tal-inqas kuntrattwali dwar l-indipendenza fir-relazzjoni bejn il-kumpannija holding u l-entità inkarigata mill-funzjonijiet essenzjali elenkati fl-Anness II tad-Direttiva 91/440, bejn din tal-aħħar u impriżi oħrajn tal-grupp li jipprovdu servizzi ferrovjarji, jew l-awtoritajiet l-oħrajn li huma kkontrollati mill-imsemmija kumpannija holding, b'mod partikolari l-laqgħa tal-azzjonisti tal-entità inkarigata minn dawn il-funzjonijiet essenzjali.

35 Il-Kummissjoni ssostni li l-fatt li l-Artikolu 3 tal-Istatuti u l-Artikolu 10(3) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Kunsill ta' sorveljanza ta' ÖBB-Infrastruktur AG jipprovdu li l-Bord tad-Diretturi ta' din il-kumpannija ma huwiex suġġett, fl-eżerċizzju tal-imsemmija funzjonijiet essenzjali, għall-istruzzjonijiet tal-Kunsill ta' sorveljanza jew ta' ÖBB-Holding AG ma huwiex suffiċjenti biex tiġi eskluża l-possibbiltà ta' kunflitti ta' interess bejn id-Diretturi tal-amministratur tal-infrastruttura u tal-kumpannija holding, peress li d-diretturi, li jistgħu jinħatru u jitneħħew minn din tal-aħħar, kellhom inċentiv biex ma jiħdux deċiżjonijiet li jmorru kontra l-interessi ekonomiċi tal-kumpannija holding tagħhom.

36 Fit-tielet lok, il-Kummissjoni tqis li l-membri tal-Bord tad-Diretturi tal-kumpannija holding u ta' impriżi oħrajn ta' din il-kumpannija holding ma għandhomx jifformaw parti mill-Bord tad-Diretturi tal-entità inkarigata mill-funzjonijiet essenzjali elenkati fl-Anness II tad-Direttiva 91/440.

37 Fil-fatt, fil-fehma tagħha, huwa diffiċli li jiġi sostnut li l-Bord tad-Diretturi tal-entità inkarigata mill-imsemmija funzjonijiet essenzjali huwa indipendenti mill-aspett deċiżjonali mill-Bord tad-Diretturi tal-kumpannija holding, meta ż-żewġ bordijiet huma komposti mill-istess persuni. Il-Kummissjoni tosserva li ebda dispożizzjoni legali ma tipprekludi li tinħoloq sitwazzjoni bħal din.

38 Fir-raba' lok, ebda dispożizzjoni ma tipprojbixxi lill-amministraturi tal-entità inkarigata mill-funzjonijiet essenzjali u lill-uffiċjali superjuri inkarigati mill-funzjonijiet essenzjali milli jaċċettaw, għal numru raġonevoli ta' snin wara li jkunu telqu mill-entità kkonċernata, kull impjieg ta' livell superjuri fi ħdan il-kumpannija holding jew ta' korpi oħrajn taħt il-kontroll tagħha. F'dan ir-rigward, l-Artikolu 15 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, invokat mill-Awstrija, li jistabbilixxi dritt

fundamentali għal-libertà professjonali u d-dritt għax-xogħol, huwa madankollu suġġett għar-riżerva ġenerali tal-legalità prevista fl-Artikolu 52 tal-imsemmija karta. Limitazzjoni raġonevoli tal-eżerċizzju ta' attività professjonali b'hekk hija ġustifikata.

39 Fil-ħames lok, il-Kummissjoni ssostni li l-Bord tad-Diretturi inkarigat mill-funzjonijiet essenzjali elenkati fl-Anness II tad-Direttiva 91/440 għandu jinħatar skont kundizzjonijiet iddefiniti b'mod ċar u b'impenji ġuridiċi li jiggarantixxu l-indipendenza totali tad-deċiżjonijiet meħuda minnu. Dan għandu jinħatar u jitneħħa taħt il-kontroll ta' awtorità indipendenti.

40 Fis-sitt lok, il-Kummissjoni ssostni li l-entità inkarigata mill-imsemmija funzjonijiet essenzjali għandha jkollha l-persunal tagħha u tkun f'uffiċċji separati jew b'aċċess protett.

41 Finalment, il-Kummissjoni ssostni li l-miżuri ta' salvagwardja meħuda sabiex tiġi ggarantita l-indipendenza ta' ÖBB-Infrastruktur AG fil-konfront ta' ÖBB-Holding AG ma humiex suffiċjenti.

42 Barra minn hekk, il-Kummissjoni ġibdet l-attenzjoni fuq l-eżistenza, f'setturi regolatorji oħrajn, ta' dispożizzjonijiet leġiżlattivi li jipproduċu l-kriterji msemmija fl-Anness 5. Fl-opinjoni motivata, hija għalhekk iċċitat il-perijodi ta' inkompatibbiltà bejn ċerti funzjonijiet previsti fid-dispożizzjonijiet applikabbli għas-suq intern tal-elettriku u s-suq intern tal-gass naturali.

43 Il-Gvern Awstrijak jargumenta li ma hemmx lok li tiġi implementata "indipendenza ekonomika" tal-amministratur tal-infrastruttura, iżda d-dispożizzjonijiet tal-ewwel pakkett finanzjarju li huma orjentati, minn naħa, lejn l-għanijiet li għandhom jinkisbu previsti fl-Artikolu 6(3) tad-Direttiva 91/440 u, min-naħa l-oħra, lejn il-funzjonijiet imsemmija fl-Artikoli 4(2) u 14(2) tad-Direttiva 2001/14. L-Artikolu 6(3) tad-Direttiva 91/440 jimponi biss l-għan li għandu jinkiseb, jiġifieri li jiġu fdati l-funzjonijiet essenzjali lil awtoritajiet jew impriżi indipendenti, u l-Artikoli 4(2) u 14(2) tad-Direttiva 2001/14 jimponu l-mod kif għandhom jiġu eżerċitati dawn il-funzjonijiet, jiġifieri minn korp indipendenti ta' impriżi ferrovjarji fuq il-livelli ġuridiċi, organizzattivi u deċiżjonali.

44 B'hekk, skont id-dispożizzjonijiet tal-ewwel pakkett ferrovjarju, ma huwiex wisq rilevanti li ÖBB-Infrastruktur AG, bħala "awtorità" fis-sens tal-Artikolu 6(3) tad-Direttiva 91/440, hija "ekonomikament" indipendenti.

45 Ir-Repubblika Awstrijaka ssostni li, għal dak li jikkonċerna l-kriterji ta' eżami dwar il-prova tal-indipendenza previsti fl-Anness 5, dawn ma jaqblux mad-dispożizzjonijiet vinkolanti rilevanti f'dan il-każ, li jinsabu fl-Artikolu 6(3) tad-Direttiva 91/440, u fl-Anness II tad-Direttiva 91/440 kif ukoll fl-Artikoli 4(2) u 14(2) tad-Direttiva 2001/14. Barra minn hekk, dan id-dokument ma ġiex ippubblikat f' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u ma jikkostitwixxix att ġuridiku vinkolanti. B'hekk, ma jistax jiġi invokat fil-kuntest ta' din il-proċedura.

46 Ir-Repubblika Taljana tfakkar li l-obbligu ta' separazzjoni previst mil-leġiżlatur tal-Unjoni, f'dak li jirrigwarda l-funzjonijiet ta' trasport ferrovjarju u ta' ġestjoni tal-infrastruttura, huwa relatat mal-kontabbiltà.

47 Dan l-Istat Membru jenfasizza li l-Kummissjoni, fir-rigward tal-mudell ta' kumpannija holding, tiddefendi approċċ kontradittorju peress li twassal għal preżunzjoni ta' inkompatibbiltà, sa fejn dan il-mudell huwa rikonoxxut legalment, iżda ma jistax ikun kompatibbli mad-direttiva inkwistjoni ħlief fil-każ fejn il-kumpannija holding ma jkollhiex u ma teżerċitax prerogattivi li normalment ikollha kumpannija holding.

48 Il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni ma kinitx intiża sabiex tintroduċi obbligu li jiġu sseparati l-istrutturi ta' proprjetà jew is-sistemi organizzattivi li għandhom effetti ekwivalenti fuq il-livell tal-awtonomija tal-ġestjoni, iżda pjuttost li tiġi osservata u ggarantita s-setgħa diskrezzjonali tal-Istati Membri u tal-impriżi li jixtiequ jadottaw mudelli ta' organizzazzjoni ta' tipi differenti.

Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

49 Permezz tal-uniku ilment tagħha, il-Kummissjoni tikkritika lir-Repubblika tal-Awstrija li ma adottatx miżuri speċifiċi li jippermettu li tiġi ggarantita l-indipendenza tal-amministratur tal-infrastruttura ÖBB-Infrastruktur AG, li lilu kienu fdati ċerti funzjonijiet essenzjali msemmija fl-Anness II tad-Direttiva 91/440, anki jekk ÖBB-Infrastruktur jagħmel parti minn holding, ÖBB-Holding, li tinkludi impriżi ta' trasport ferrovjarju.

50 Fil-fatt, il-Kummissjoni tqis li, sabiex tiġi ggarantita l-indipendenza tal-imsemmi amministratur fuq il-pjan ġuridiku, organizzattiv u deċiżjonali fis-sens tal-Artikoli 4(2) u 14(2) tad-Direttiva 2001/14, huwa meħtieġ li l-Istat Membru jadotta regoli speċifiċi u ddettaljati, bħal dawk li jirriżultaw mill-Anness 5.

51 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li l-Artikolu 6(1) u (2) tad-Direttiva 91/440 jeħtieġ separazzjoni fil-kontabbiltà bejn l-attivitajiet ta' servizzi ta' trasport ipprovduti mill-impriżi ferrovjarji u l-attivitajiet ta' amministrazzjoni tal-infrastruttura ferrovjarja, peress li s-separazzjoni bejn l-attivitajiet li jirrigwardaw il-provvista ta' servizzi ta' trasport minn impriżi ferrovjarji u dawk li jirrigwardaw l-amministrazzjoni tal-infrastruttura ferrovjarja tista' sseħħ permezz ta' firdiet organizzattivi distinti fi ħdan l-istess impriża, kif huwa l-każ fil-kuntest ta' holding.

52 Madankollu, l-Artikolu 6(3) tad-Direttiva 91/440, jipprovdi li, sabiex jiġi ggarantit aċċess ekwu u nondiskriminatorju għall-infrastruttura ferrovjarja, l-Istati Membri għandhom jadottaw il-miżuri neċessarji sabiex jiżguraw li l-funzjonijiet essenzjali li huma elenkati fl-Anness II ta' din id-direttiva, jiġu fdati lil korpi jew impriżi li huma stess ma humiex fornitriċi ta' servizzi ta' trasport ferrovjarju, u dan l-għan għandu jintlaħaq, irrispettivament mill-istrutturi organizzattivi pprovduti, b'mod probatorju.

53 Fi kwalunkwe każ, l-Artikoli 4(2) u 14(2) tad-Direttiva 2001/14 jindikaw li l-entitajiet inkarigati bil-funzjonijiet ta' impożizzjoni ta' tariffi u ta' allokazzjoni huma indipendenti fuq il-pjan ġuridiku, organizzattiv u deċiżjonali.

54 F'dan il-każ, ÖBB-Infrastruktur hija integrata, bħala amministratur tal-infrastruttura ferrovjarja, fl-impriża ÖBB-Holding li, bħala holding, tissorvelja wkoll impriżi ferrovjarji. Għaldaqsant, sabiex tkun tista' tassumi l-funzjonijiet ta' impożizzjoni ta' tariffi u ta' allokazzjoni, ÖBB-Infrastruktur għandha tkun indipendenti minn ÖBB-Holding fuq il-pjan ġuridiku, organizzattiv u deċiżjonali.

55 F'dan ir-rigward, huwa paċifiku li ÖBB-Infrastruktur għandha, minn naħa, personalità ġuridika distinta minn dik ta' OBB-Holding u, min-naħa l-oħra, korpi u riżorsi proprji, differenti minn dawk ta' ÖBB-Holding.

56 Għall-bqija, il-Kummissjoni ssostni, fir-rikors tagħha, li, sabiex tiġi evalwata l-indipendenza deċiżjonali ta' amministratur tal-infrastruttura li, bħal ÖBB-Infrastruktur, hija integrata f'impriża li uħud mill-unitajiet tagħha huma impriżi ferrovjarji, għandhom jiġu applikati l-kriterji previsti mill-Anness 5.

57 L-imsemmi anness jipprovdi wkoll li l-osservanza tal-obbligi ta' indipendenza għandhom ikunu s-suġġett ta' kontroll min-naħa ta' awtorità indipendenti, bħall-awtorità regolatorja għall-ferroviji, jew minn terz, li għandu jkun hemm dispożizzjonijiet legali jew tal-inqas kuntrattwali dwar l-indipendenza, li għandha tiġi pprovduta projbizzjoni għal funzjonijiet doppji bejn il-korpi ta' tmexxija ta' kumpanniji differenti tal-holding, li għandu jiġi implementat terminu għal nuqqas li tittieħed azzjoni fil-kaz ta' trasferiment ta' membri tal-Bord tad-Diretturi bejn l-entità inkarigata minn funzjonijiet essenzjali elenkati fl-Anness II tad-Direttiva 91/440 u kull entità oħra tal-holding u li r-revoka u n-nomina tal-amministraturi tal-infrastruttura ferrovjarja għandhom isiru taħt il-kontroll ta' awtorità indipendenti.

58 Fl-ewwel lok, għandu jiġi rrilevat li l-Anness 5 ma għandux valur ġuridiku vinkolanti. Fil-fatt, qatt ma ġie ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u ġie ppubblikat ħames snin wara d-dħul fis-seħħ tad-Direttiva 2001/14, jiġifieri tliet snin wara l-iskadenza tat-terminu ta' traspożizzjoni tagħha. Għalhekk, fil-mument tal-implementazzjoni tad-Direttivi 91/440 u 2001/14, il-kriterji elenkati f'dan l-anness ma kinux jeżistu. Barra minn hekk, u irrispettivmaent minn dan il-perijodu ta' żmien, l-imsemmi anness u l-kriterji fih ma ġewx riprodotti la fit-test tad-Direttiva 91/440 u lanqas f'dak tad-Direttiva 2001/14, u f'ebda att leġiżlattiv ieħor. Għaldaqstant, Stat Membru ma jistax jiġi kkritikat li naqas milli jinkludi dawn il-kriterji f'dispożizzjonijiet legali jew leġiżlattivi ta' traspożizzjoni tad-Direttivi 91/440 u 2001/14.

59 Fit-tieni lok, il-paragun, magħmul mill-Kummissjoni, mad-dispożizzjoni li jikkonċernaw is-suq intern tal-elettriku u s-suq intern tal-gass naturali ma jistax jintlaqa'. Fil-fatt, id-Direttiva 2009/72/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-13 ta' Lulju 2009, dwar ir-regoli komuni għas-suq intern fil-qasam tal-elettriku (ĠU L 211, p. 55), u d-Direttiva 2009/55/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-13 ta' Lulju 2009, dwar ir-regoli komuni għas-suq intern tal-gass naturali u li tħassar id-Direttiva 2003/55/KE (ĠU L 211, p. 94), jikkonferixxu, lill-awtorità regolatorja, prerogattivi wiesgħin fil-qasam ta' sorveljanza għal dak li jikkonċerna l-indipendenza tal-amministratur tan-netwerk ta' trasport. Skont l-Artikolu 19(2) ta' kull waħda minn dawn id-direttivi, l-awtorità regolatorja tista' toġġezzjona rigward in-nomina u r-revoka ta' membri tal-Bord tad-Diretturi u ta' korpi amministrattivi ta' netwerk ta' trasport. L-Artikolu 19(3) ta' kull waħda minn dawn id-direttivi jipprovdi li ebda attività jew responsabbiltà professjonali ma tista' tiġi eżerċitata, ebda interess ma jista' jinżamm u ebda relazzjoni kummerċjali miżmuma, direttament jew indirettament, mal-impriża vertikalment integrata, jew parti minnha jew l-azzjonisti li jikkontrollawha ħlief l-amministratur ta' network ta' trasport. Skont l-Artikolu 19(4) ta' kull waħda minn dawn id-direttivi, l-impjegati tal-amministratur ta' netwerk ta' trasport ma jistgħux jeżerċitaw attività oħra ma parti oħra tal-kumpannija holding tas-settur tal-enerġija. L-Artikolu 19(7) tad-Direttivi 2009/72 u 2009/73 jipprovdi perijodu ta' inkompatibbiltà bejn l-eżerċizzju ta' attività fi ħdan l-amministratur ta' network ta' trasport u l-eżerċizzju ta' attività b'relazzjoni ma parti oħra tal-impriża vertikalment integrata.

60 Għalhekk, dawn iż-żewġ direttivi jipprovdu espressament dispożizzjonijiet li jirrigwardaw il-kundizzjonijiet għall-eżerċizzju ta' attivitajiet fi ħdan il-kumpannija amministrattiva ta' netwerk u għal perijodi ta' inkompatibbiltà, fatt li ma huwiex il-każ tad-Direttiva 2001/14, li ma tispeċifikax il-kriterji tal-indipendenza li għandha tiġi żgurata bejn l-amministratur tal-infrastruttura inkarigat b'funzjonijiet essenzjali elenkati fl-Anness II tad-Direttiva 91/440 u l-impriżi ferrovjarji, dawn il-kriterji ma jistgħux għaldaqsstant jiġu dedotti mid-Direttivi 91/440 u 2001/14 u l-osservanza tagħha ma tistax tiġi imposta fuq ir-Repubblika tal-Awstrija.

61 F'dawn iċ-ċirkustanzi, għandu jiġi kkonstatat li n-nuqqas ta' traspożizzjoni fi dritt Awstrijak tal-kriterji bħal dawk li jirriżultaw mill-Anness 5 ma jistax iwassal, għaliha biss, li jiġi konkluż in-nuqqas ta' indipendenza deċiżjonali ta' ÖBB-Infrastruktur bħala amministratur tal-infrastruttura, fir-rigward ta' ÖBB-Holding.

62 Hija ġurisprudenza stabbilita li, fil-kuntest ta' proċedura għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu skont l-Artikolu 258 TFUE, hija l-Kummissjoni li għandha tistabbilixxi l-eżistenza tal-allegat nuqqas ta' twettiq ta' obbligu. Għalhekk hija l-Kummissjoni li għandha tipprovdi lill-Qorti tal-Ġustizzja l-elementi neċessarji sabiex din tal-aħħar tivverifika l-eżistenza ta' dan in-nuqqas ta' twettiq ta' obbligu, mingħajr ma tkun tista' tibbaża ruħha fuq kwalunkwe preżunzjonijiet (ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tas-26 ta' April 2005, Il-Kummissjoni vs L-Irlanda, C-494/01, Ġabra p. I-3331, punt 41; tas-6 ta' Ottubru 2009, Il-Kummissjoni vs Il-Finlandja, C-335/07, Ġabra p. I-9459, punt 46, u tal-10 ta' Diċembru 2009, Il-Kummissjon vs Ir-Renju Unit, C-390/07, punt 43).

63 Madankollu, il-Kummissjoni ma pprovdiet ebda prova konkreta li turi li ÖBB-Infrastruktur ma hijiex indipendenti minn ÖBB-Holding għal dak li jikkonċerna l-modalitajiet ta' teħid ta' deċiżjonijiet.

64 Konsegwentement, il-Kummissjoni ma rnexxilhiex tipprova li miżuri pożittivi għandhom neċessarjament jittieħdu mir-Repubblika tal-Awstrija sabiex tiġi ggarantita l-indipendenza ġuridika, organizzattiva u deċiżjonali bejn l-amministratur tal-infrastruttura inkarigat b'funzjonijiet essenzjali elenkati fl-Anness II tad-Direttiva 91/440 u l-impriżi ferrovjarji.

65 F'dan ir-rigward, u kif l-Avukat Ġenerali rrileva fil-punti 95 sa 99 tal-konklużjonijiet tiegħu, l-obbligu li tiġi pprovduta regola li jipprojbixxi l-funzjonijiet doppji u dik li timponi lill-amministratur li jkollu persunal u uffiċċji tiegħu ma jikkostitwixxux obbligi li jistgħu jiġu dedotti mill-Artikolu 6(3) tad-Direttiva 91/440. Bl-istess mod, il-Kummissjoni ma pprovatx kif il-klawsoli ta' protezzjoni tal-kunfidenzjalità stipulati fil-kuntratti ta' kollaboraturi ma kinux suffiċjenti.

66 Għalhekk, hija l-Kummissjoni li għandha, fid-dawl mhux biss tal-għanijiet tad-Direttivi 91/440 u 2001/14, iżda wkoll tal-elementi kollha, inklużi dawk ta' natura privata, li jinkludu r-relazzjonijiet bejn ÖBB-Infrastruktur u ÖBB-Holding, tipprova li, fil-prattika, ÖBB-Infrastruktur ma kellhiex indipendenza deċiżjonali fir-rigward ta' ÖBB-Holding.

67 Mill-kunsiderazzjonijiet kollha preċedenti jirriżulta li r-rikors tal-Kummissjoni għandu jiġi miċħud.

Fuq l-ispejjeż

68 Skont l-Artikolu 138(1) tar-Regoli tal-Proċedura, il-parti li titlef għandha tbati l-ispejjeż, jekk dawn ikunu ntalbu. Peress li r-Repubblika tal-Awstrija tilfet, hemm lok li tiġi kkundannata għall-ispejjeż, kif mitlub mill-Kummissjoni.

69 Skont l-Artikolu 140(1) tar-Regoli tal-Proċedura, ir-Repubblika Taljana għandha tbati l-ispejjeż tagħha.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (L-Ewwel Awla) taqta' u tiddeċiedi:

1) Ir-rikors huwa miċħud.

2) Il-Kummissjoni Ewropea hija kkundannata għall-ispejjeż.

3) Ir-Repubblika Taljana għandha tbati l-ispejjeż tagħha.

Firem